MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 176/2009

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru 176/2009 FDP**
**Fl-ismijiet:**
**Alberta Fire and Security Equipment Limited**
**(C 6606)**

**vs**

**Adrian Busietta**
**(94855 M)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat fit-13 ta' Mejju 2009 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill- Qorti tghid ghaliex, m'ghandhux l-intimat, jigi ordnat ihallas is-somma ta' tmien t'elef, erbgha mija u tnejn u erbghin Euro, u sitta u disghin centezmu (€8,442.96), rapprezentanti l-prezz ta' attrezzatura rekatata mas-sigurta' mibjugha u kkonsenjata lilu fuq inkarigu tieghu stess, liema ammont huwa indikat fil-fattura annessa u mmarkata Dok A, u liema ammont, nonostante l-intimazzjonijiet mis-socjeta rikorrenti u wieghdiet da' parte ta' l-intimat illi ser ihallas, baqa' ma thallasx u ghadu pendenti u dovut lis-socjeta rikorrenti.

Rat illi fl-ewwel seduta ta' l-1 ta' Lulju 2009, il-Qorti giet infurmata illi kien ghadu qed isir tentattiv sabiex tinstab soluzzjoni izda xorta l-intimat ried jipprezenta r-risposta tieghu

Rat illi fl-4 ta' Dicembru 2009, l-intimat ipprezenta r-risposta tieghu u laqa' ghat-talbiet attrici billi eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi s-somma ta' tmien t'elef erba' mija u tnejn u erbghin Euro u sitta u disghin centezmu (€8,442.96) rapprezentanti prezz ta' attrezzatura mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici lill-esponenti mhix dovuta stante illi tali sistema ta' sigurta kienet kompletament difettuza;

2. Illi, minkejja kull opportunita illi giet moghtija mill-esponent lis-socjeta attrici biex tirranga s-sistema, dina xorta wahda baqghet difettuza u fil-fatt ghadha ma tahdimx sallum;

3. Illi fil-fatt hija l-istess socjeta attrici illi hija debitrici ta' l-esponent ghall-ispejjez zejda inkorsi minnu sabiex jirrimedja ghan-nuqqasijiet tas-sistema ta' sigurta' difettuza pprovduta minnha, u dan ghab-bazi ta' l-artikoli 1390 u 1424 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda ta' Karim Cassar, Operations Manager tas-socjeta rikorrenti, moghtija fis-26 ta' Jannar 2010, u d-dokumentazzjoni minnu esebita fl-istess xhieda.

Rat ix-xhieda ta' Ronald Zaffarese, technician mas-socjeta rikorrenti, moghtija fis-26 ta' Jannar 2010.

Rat l-affidavit ta' George Barbaro Sant, Direttur tas-socjeta rikorrenti, ipprezentat fis-6 ta' Lulju 2010.

Rat illi, fl-10 ta' Ottubru 2011, wara illi l-intimat, ghal diversi drabi, talab differiment peress illi indispost ghal raguni medika, il-Qorti appuntat lil Dr Gabrielle Zammit sabiex tisma x-xhieda ta’ l-intimat.

Rat ix-xhieda ta' Marie Angelique Caruana moghtija fit-22 ta' Novembru 2011 kif ukoll ix-xhieda ta' Adrian Busietta moghtija fit-22 ta' Novembru 2011 ukoll.

Rat il-kontro ezami ta' Marie Angelique Caruana u ta' Adrian Busietta illi saret fl-10 ta' Jannar 2012.

Rat illi fl-1 ta' Gunju, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jipprezentaw u li l-kawza setghet tigi differita ghas-sentenza.

Rat in-noti ipprezentati miz-zewg partijiet.

**Fatti**

Mill-fatti kif ipprezentati fil-Qorti, jirrizulta illi l-intimat kellu diversi problemi ta' serq fil-propjeta tieghu gewwa Castello dei Baroni, gewwa l-Wardija. Kien ghalhekk illi huwa kkomunika ma' George Barbaro Sant, illi kien habib tieghu, u li kien sid il-kumpannija rikorrenti, sabiex tigi installata sistema ta' sigurta permezz ta' CCTV cameras madwar il-post kollu.

Jirrizulta illi attwalment, Karim Cassar, Operations Manager tas-socjeta rikorrenti, kien mar fuq il-post u iltaqa' ma’ l-intimat kif ukoll mal-mara tieghu, Marie Angelique Caruana, u wara illi ra x' kien hemm bzonn,

lesta pjan tax-xoghol illi kellu jsir u baghat quotation tax-xoghol, liema quotation giet accetata mill-intimat.

Is-sistema tas-CCTV giet instalata u s-socjeta rikorrenti baghtet il-kont ghas-servizz res, liema kont kellu jithallas ratealment skond kif kien gia miftiehem. Sussegwentement, meta Cassar mar biex jigbor l-ewwel pagament u jara jekk is-sistema kienetx qed tiffunzjona, l-intimat infurmah illi huwa kien kuntent bis-sistema izda talab ftit aktar zmien sabiex isir il-hlas, u ghalhekk, il-hlas kellu isir fuq medda ta' erbatax-il xahar u mhux sitt xhur, kif originarjament miftiehem.

Madanakollu, minkejja tali arrangamenti, il-pagamenti ma sarux ghax, skond Cassar, kull darba li kienu jitolbu ghall-hlas, l-intimat u Marie Angelique Caruana, kienu jilmentaw fuq xi problemi illi kellhom.

Zaffarese xehed illi, darba minnhom, meta marru biex jaraw minn xiex kien qed jilmenta l-intimat, kien irrizulta illi s-sistema ma kienetx qieghda tahdem ghax xi hadd minn naha ta’ l-intimat kien tefa l-cameras tas-sistema, u malli xeghel il-plakka, is-sistema regghet bdiet topera normali.

George Barbaro Sant, minn naha tieghu, stqarr illi huwa kien jaf illi l-intimat kellu diffikultajiet ekonomici, u peress illi kellu hbiberija kbira mieghu, huwa kien accetta illi jaghtih cans biex ihallas. Madanakollu, huwa jikkonferma illi qatt ma kien sar kliem fis-sens illi s-sistema kienet difettuza, u dina l-allegazzjoni saret biss meta infethet il-kawza.

Marie Angelique Caruana, minn naha taghha, qalet illi l-cameras kienu gew installati fit- 2006 u kien ikollha problemi ghax in-nies ma taghrafhomx fuq il-camera peress illi kienu l-boghod, u meta kienu serquhom, ma setghux jaghrfu l-hallelin.

Adrian Busietta, minn naha tieghu, filwaqt illi kkonferma dak li qalet Marie Angelique Caruana, zied jghid illi, minkejja li jghix f'post perikoluz u dizabitat, is-sistema installata mis-socjeta rikorrenti baqghet fuq il-post

minkejja li ma kienitx qed tiffunzjona kif xtaq, u huwa qatt ma installa ebda sistema ohra sabiex jipprotegi d-dar tieghu.

**Ikkunsidrat**.

Jirrizulta ben car illi l-kawza odjerna hija biss kawza li saret unikament minhabba fl-inadempjenza ta’ l-intimat milli jhallas dak li huwa dovut minnu wara illi giet installata sistema fil-fond tieghu, fuq istruzzjonijiet tieghu u a beneficcju tieghu, liema sistema ghadha fuq il-post sallum, u huwa ma ghamel ebda tentattiv sabiex ibiddilha, ghalkemm illi jilmenta li jghix f' post perikoluz.

Huwa car li tali azzjoni kienet l-unika mezz illi kellha tiehu s-socjeta attrici sabiex tigbor dak dovut minnha, peress illi r-rikorrent naqas milli jhallas u, kull darba illi kienet issir xi talba ghal-hlas, tali talba kienet tigi milqugha b'ilment dwar is-sistema.

Jirrizulta illi s-sistema giet installata fuq il-post u tali sistema ghadha hemm fuq il-post sallum u ghalhekk ghadu igawdi minnha l-intimat, u ma ngiebet ebda prova illi attwalment dak allegat mill-intimat huwa minnu.

Ghalhekk, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tilqa’ xi wahda mill-eccezzjonijiet ta’ l-intimat, u jirrizulta ben car li t-talbiet attrici huma ben fondati.

**Konkluzzjonijiet**

**Il-Qorti**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti

Taqta u tiddeciedi billi

Filwaqt illi tichad l-eccezzjonijet kollha ta’ l-intimat tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tmien t’elef, erbgha mija u tnejn u erbghin Euro, u sitta u disghin centezmu (€8,442.96).

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu ta’ l-intimat, u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------